# Southern Italy

## Best of Puglia

**INŻURU:** Andria, Polignano al Mare , Ostuni, Alberobello, Trulli, Locorotondo, Bari, S,Giovanni Rotondo, Monte S. Angelo, Martina Franca...

**GRUPP A:** 22 – 26 ta' Ġunju
**GRUPP B:** 07 – 11 ta' Settembru
**GRUPP C:** 05 – 10 ta' Ottubru

### IL-ĦAMIS

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fit-04:00 għat-titjira ma' Ryan Air FR7108 fil-06:15 lejn Bari Airport fejn naslu fis-07:25. Transfer bil-coach lejn il-belt sabiħa ta` Andria fir-reġjun t`Apulia. Pero`qabel naslu nagħmlu waqfa ġewwa **Polignano al Mare**. Mat-tour leader dawra bil-mixi madwar din il-belt meqjusa l-perla tal-baħar Adrijatiku. Inżuru il-lungomare fejn nistaw nammiraw l-għerien imnaqqxa fl-irdumijiet u xtut imżerżqa madwar ilmijiet ċari. Inżuru ċ-ċentru storiku bi traċċi tal-passat Għarbi, Biżantin u Spanjol, **il-katidral, Piazza dell'Orologio, Cala Porto u l-monument ta`Modugno.** Wara nibqgħu sejrin lejn il-hotel ċentrali Crystal Palace 4 stars ġewwa Andria, sistemazzjoni tal-kmamar, ċena u filgħaxija l-ewwel ħarġa mal-leader.

### IL- ĠIMGĦA

Buffet Breakfast u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta**' Ostuni** (The white city).Waħda mill-bliet attraenti bi ħjiel tal-Medju Evu f'kull rokna u pjazza tal-belt. Ostuni hi famuża għall-effetti ta`djar bl-abjad fuq għoljiet madwar imsaġar taż-żebbuġ. Dawra nteressanti mal-leader fejn niskopru turġien, toroq dojoq bl-arkati, il-katidral Santa Maria Assunta, Piazza della Liberta`, Kolonna ta`Sant Oronzo flimkien mal-Palazzo Signorili. Ħin liberu u nkomplu l-eskursjoni tagħna billi ngħaddu mill-**Parco Nazionale dell'Alta Murgia** biex nidħlu ġewwa **Alberobello** belt rinominata u fil-lista tal-Unesco World Heritage Site. Flimkien inżuru r-riżort tat-**Trulli Rione Monti** (djar zgħar mibnija bil-ġebla tal-ġir lokali). Ħin liberu għax-shopping tas-souvenirs u ritorn lejn il-hotel għaċ-ċena.

### IS-SIBT

Wara l-breakfast ikollna ħin liberu ġewwa **Andria** fejn nistgħu nżuru Piazza Umberto, Corso Cavour, Via Regina Margherita u Villa Comunale. Kmieni wara nofs in-nhar nitilqu lejn **Locorotondo** belt żgħira madwar medda kbira żgħelieqi u djar pittoreski kollha bojod magħrufa (Cummerse). Wieħed mill-Borghi sbieħ fl-Italja. Mal-leader nagħmlu dawra saċ-ċentru storiku cirkulari u pedonali. Naraw sqaqien dojoq, arkati u qsari jżejnu turġien antiki. Qabel it-tluq naraw veduti mpressjonanti ta`Valle d`Itria mimli vinji u msaġar taż-żebbuġ.Inkomplu lejn **Martina Franca** belt b`ċentru sabiħ il-gojjell tal-belt. Nidħlu min Porta S Stefano, Piazza XX Settembre, Piazza Roma u Palazzo Ducale. Inżuru l-parti ta`Lama` bi sqaqien pedonali, palazzi u l-Basilica ta`San Martin ġo Via V.Emanuele. Ħin liberu u ritorn lejn il-hotel ġewwa Andria. Ċena u ħarġa mal-leader.

### IL- ĦADD

Illum vjaġġ panoramiku, reliġjuż u ambjentali lejn it-tramuntana ta`Puglia. Nesperjenzaw is-sbuħija tal-**Gargano**. Inkomplu bil-vjaġġ madwar veduti spettakolari lejn **San Giovanni Rotondo**. Ma' eluf ta`pellegrini inżuru l-highlights relatati ma' San Pio da Pietrelcina, Santa Maria delle Grazie, Santuario u museo di Padre Pio. Il-kripta u l-qabar tal-qaddis. Ħin liberu għax-xiri tar-relikwi jew ġabra għal talb personali fis-santwarju. Wara nkomplu l-vjaġġ fost xenarju mill-isbah tal-Parco del Gargano wieħed mit-territorji sbieħ ġewwa Puglia. Wara sensiela ta` veduti spettakolari naslu fuq Monte Sant Angelo fejn inżuru il-kastell Normanno Svevo u l-Grotta/Santwarju mirakoluż ta`San Mikiel. Ħin għal-xiri ta' souvenirs relatati ma' San Pio u San Mikiel Arkanġlu. Ritorn mill-isbaħ fejn nesperjenżaw l-isbaħ veduti tal-kosta ta`Manfredonia. Ċena fil- hotel.

### IT-TNEJN

Breakfast. Tluq lejn **Bari** l-belt kapitali tar-Reġjun ta' Puglia. Ċentru ekonomiku mal-baħar Adrijatiku, imlaqqma t-tieni Napli. Mal-wasla tagħna city tour fejn naraw Castello Svevo, Basilica San Nicola, Via Sparano, Corso V. Emanuele, Piazza Ferrarese, Teatro Pettruzzolli u Piazza Umberto. Inżuru ċ-ċentru storiku fejn nesperjenzaw La Via delle orechiette u l-lungomare. Ħin liberu. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta` Bari għat-titjira FR7101 li ttir fl-16:20 u naslu Malta fil-17:40

**5** T'IJIEM

MINN € **675** KULL PERSUNA

**PREZZ KULL PERSUNA**
**HALF BOARD, ESKURSJONIJIET, TAXXI NKLUŻI**

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €725 | €675 |
| Kamra żewġ persuni | €830 | €680 |
| Kamra ta' persuna waħda | €790 | €740 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €630 | €580 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira bir-Ryan Air: Malta-Bari-Malta,
- 20kg baggage allowance u reserved seat.
- 4 Iljieli- Hotel Crystal Palace 4 star fiċ-ċentru ta'Andria.
- Buffet continental breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

